31990L0121

L 71/40 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 17.3.1990

# IT-TNAX-IL DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI

## tal-20 ta' Frar 1990

## li taddatta għal progress tekniku Annessi II, III, IV, V u VI tad-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti kosmetiċi

(90/121/KEE)

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti kosmetiċi [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 89/679/KEE [2], u b'mod partikulari Artikolu 8(2) tiegħu,

Billi fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli, ċerti aġenti koloranti, sustanzi u preservattivi permissibbli proviżonalment, jistgħu jkunu permissibbli definittivament, waqt li oħrajn għandhom ikunu ipprojbiti definittivament jew ikunu permissibbli għal perjodu ieħor speċifiku;

Billi, sabiex tkun protetta s-saħħa pubblika, hemm bżonn li jkun ipprojbit l-użu ta' ċerti aġenti koloranti, 11 a -hydroxypregn-4-ene-3,20-dione u l-esteri, l-ormoni, ż-żirkonjum tiegħu bl-eċċezzjoni ta' ċerti kumplessi, tyrothricin, antiandroġeni ta' struttura ta' sterojd, acetonitrile u tetrahydrozoline;

Billi, fuq il-bażi tar-riċerka xjentifika u teknika l-aktar reċenti, l-użu ta' l-aċetat taċ-ċomb bħala kulur għax-xagħar jista' jkun permissibbli fi prodotti kosmetiċi suġġett għal ċerti limitazzjonjiet u ħtiġijiet, basta li jingħataw ċerti twissijiet fuq l-ittikettjar għall-iskop li tkun protetta s-saħħa pubblika;

Billi l-użu tal-lakki koloranti CI 17 200 għandu jkun awtorizzat;

Billi, fuq il-bażi tar-riċerka xjentifika u teknika l-aktar reċenti, l-użu ta' 3-decyloxy-2-hydroxy-1-aminopropane-hydrochloride bħala preservattiv fi prodotti kosmetiċi u l-użu ta' Solvent isfar 98 bħala aġent koloranti fi prodotti ta' kura tad-dwiefer, huwa permissibli suġġett għal ċerti limitazzjonijiet u ħtiġiet;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Direttiva huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Adattazzjoni għall-Progress Tekniku tad-Direttivi dwar it-tneħħija ta' l-ostakoli tekniċi għall-kummerċ fis-settur tal-prodotti kosmetiċi,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 76/768/KEE hi emendata kif ġej:

1. F'Anness II:

— fin-Nru 39, "bl-eċċezzjoni ta' dak mogħti f'Anness V" huwa mħassar,

— fin-Nru 194, "bl-eċċezzjoni ta' dawk elenkati f'Anness V" huwa mħassar,

— fin-Nru 289, "taħlita, bl-eċċezzjoni ta' dak imsemmi f'Anness V" huwa mibdul bi "taħlitiet, bl-eċċezzjoni ta' dak imsemmi f'Anness III, Nru 55 permezz tal-kundizzjonijiet mistqarra."

— fin-Nri 376 u 377, "u l-imluħa tagħhom" hi miżjuda,

— is-sustanzi li ġejjin huma miżjuda:

"385. 11 α-Hydroxypregn-4-ene-3,20-dione u l-esteri tiegħu

386. l-aġent koloranti CI 42 640

387. l-aġent koloranti CI 13 065

388. l-aġent koloranti CI 42 535

389. l-aġent koloranti CI 61 554

390. l-antiandroġeni bi struttura ta' sterojdi

391. Iż-żirkonjum u t-taħlitiet tiegħu, bl-eċċezzjoni tal-kumplessi taħt ir-referenza numru 50 f'Anness III (il-Parti 1) u tal-lakki, l-imluħa u l-pigmenti taż-żirkonjum ta' l-aġenti koloranti elenkati bir-referenza numru 3 f'Anness IV (il-Parti 1)

[1] ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 169.
[2] ĠU L 398, tat-30.12.1989, p. 25.

392. Thyrothricine

393. Acetonitrile

394. Tetrahydrozoline u l-imluħa tiegħu."

2. F'Anness III, il-Parti 1, fil-verżjoni Franċiża biss, taħt ir-referenza numru 1, l-aċidu boriku:

(a) fil-kolonna (e), "ne pas employer dans des produits de soins pour enfants en dessous de 3 ans" hi mibdula bi "ne pas employer dans des produits d'hygiène pour enfants en dessous de 3 ans" (it-test Ingliż (u Malti) jibqa' l-istess);

(b) fil-kolonna (f), "ne pas employer pour les soins d'enfants en dessous de 3 ans" hi mibdula bi "ne pas employer pour l'hygiène des enfants en dessous de 3 ans" (it-test Ingliż (u Malti) jibqa' l-istess).

3. F'Anness III, il-Parti 1, ir-referenza numru 55 hija miżjuda ma' dan li ġej:

| a | b | c | d | e | f |
|---|---|---|---|---|---|
| "55 | Aċetat taċ-ċomb | Biss għal żebgħa tax-xagħar | 0,6 % ikkalkulat f'ċomb | | Żommu 'l bogħod mit-tfal. Evita kull kuntatt ma' l-għajnejn. Aħsel idejk wara l-użu. Fih l-aċetat taċ-ċomb. Tużahx biex tagħti kulur lix-xagħar ta' l-għajnejn jew tal-mustaċċi. Jekk tiżviluppa irritazzjoni, waqqaf l-użu." |

4. F'Anness III, il-Parti 2, "tal-31.12.1989" fil-kolonna intitolata "Permissibli sal" hija mibdula bi "tal-31.12.1990" għan-numri ta' referenza kif ġej:

2. 1,1,1-Trichloroethane (methyl chloroform), u

4. 2,2-Dithiobis (pyridine 1-oxide), prodott li jiżdied massulfat tal-magnesju tri-idrat.

5. F'Anness IV, il-Parti 1:

(a) indiċi tal-kulur numru 42 640 hija mħassra;

(b) għall-indiċi ta' kulur numri 42 045 u 44045 is-sinjal salib "X" hu mħassar mill-kolonna 4 u mdaħħal fil-kolonna 3;

(ċ) "Limitazzjonijiet u ħtiġiet oħra" hija mħassra għall-indiċi ta' kulur numri 42 045 u 44 045;

(d) referenza għan-nota f'qiegħ il-paġna "(3)" hija miżjuda mad-daħla għall-indiċi ta' kulur numru 17 200.

6. F'Anness IV, il-Parti 2:

(a) l-aġent koloranti li ġej huwa miżjud:

| Numru ta' indiċi jew denominazzjoni tal-kulur | Kulur | Qasam ta' l-applikazzjoni | | | | Limitazzjonijiet u ħtiġiet Oħra (2) | Permissibbli sal- |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 1 | 2 | 3 | 4 | | |
| "Solvent isfar 98 | Isfar | | | × | | Biss fil-preparazzjonijiet ta' kura tad-dwiefer massimu ta' 0,5 % fil-prodott finali | tal-31.12.1991" |

(b) l-indiċi tal-kulur numri 13 065, 21 110, 42 045, 42 535, 44 045, 61 554 huma mħassra;

(ċ) "tal-31.12.1989" fil-kolonna intitolata "Awtorizzazzjoni valida sal" hija mibdula bi "tal-31.12.1990" sa fejn huma ikkonċernati l-indiċi ta' kulur numri 26 100 u 73 900;

(d) "tal-31.12.1990" fil-kolonna intitolata "Awtorizzazzjoni valida sal" hija mibdula bi "tal-31.12.1991" sa fejn huma konċernati l-indiċi ta' kulur numru 74 180;

7. F'Anness V, in-numri 1, 3, 6, 9 huma mħassra.

8. (a) F'Anness VI, il-Parti 2, in-numru 27 huwa miżjud:

| a | b | ċ | d | e | f |
|---|---|---|---|---|---|
| 27 | 3-Decyloxy-2-hydroxy-1-amino propane-hydro-chloride (Decominol) (INN)) | 0,5 % | | | tal-31.12.1990 |

(b) f'Anness VI, il-Parti 2, "tal-31.12.1989" fil-kolonna (f) hija mibdula bi "tal-31.12.1990" għas-sustanzi li ġejjin:

2. Chlorphenesin (IIM),

4. Alkyl (C12-C22) trimethyl-ammonium bromide u klorid (inkluż il-bromid taċ-ċetrimonjum) (*),

6. 4,4-Dimethyl-1,3-oxazolidine,

15. Benzethonium chloride (IIM) (*),

16. Benzalkonium chloride (IIM), bromide u saccharinate (*),

17. 1-[1,3-Bis (hydroxymethyl)2,5-dioxoimidazo- lidin-1-yl]-1,3-bis (hydroxymethy) urea,

20. Hexamidine (IIM) u l-imluħa tiegħu (li jinkludu l-isethionate u 4-hydroxybenzoate) (*),

21. Benzylhemiformal (a 1: 1 taħlita ta' benzyloxymethanol u (benzyloxymethoxy) methanol).

*Artikolu 2*

1. Independentament mid-dati ta' dħul li hemm referenza dwarhom f'Artikolu 1, il-punti 4, 6 u 8, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jassiguraw li sa mill-1 ta' Jannar 1991, għas-sustanzi msemmija f'Artikolu 1, il-punt 1, u sa mill-1 ta' Jannar 1992, għas-sustanzi msemmija f'Artikolu 1, il-punti 3, 5, 6 u 8, la l-manufatturi u lanqas l-importaturi stabbiliti fil-Komunità ma għandhom ipoġġu fis-suq prodotti li ma jkunux konformi mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jassiguraw li l-prodotti li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 1 li jkun fihom is-sustanzi msemmija f'Artikolu 1, il-punt 1 ma għandhomx jinbiegħu aktar jew ikunu mogħtija lill-konsumatur finali wara l-31 ta' Diċembru 1991 u li l-prodotti li jkun fihom is-sustanzi msemmija f'Artikolu 1, il-punti 3, 5, 6 u 8 ma għandhomx jinbiegħu aktar jew jingħataw lill-konsumatur finali wara l-31 ta' Diċembru 1993, jekk ma jkunux konformi mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1990. Għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni bihom.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam irregolat b'din id-Direttiva.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-20 ta' Frar 1990.

*Għall-Kummissjoni*

Karel VAN MIERT

*Membru tal-Kummissjoni*